MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 862/2008

Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Zghazagh u Sport.

Vs

Julian Farrugia.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur ippremetta illi l-konvenut beda l-istudji tieghu fl-Istitut ghall-Istudji Turistici f'Ottubru 1995 u matul il-perjodu li dam jistudja huwa kien jircievi stipendju; illi huwa rrizenja mill-kors tieghu f'Gunju 1996; illi skond il-kundizzjonijiet tal-kors li kien qed isegwi l-konvenut fl-Istitut ghall-Istudji Turistici, u li hu accetta li jkun marbut bihom meta applika biex jidhol ghal tali kors, meta student jirrizenja mill-istudji tieghu huwa jrid jirrifondi lura l-istipendju kollu li jkun ha; illi l-istipendju li rcieva l-konvenut u li hu dovut minnu

jammonta ghal disa mija u hamsin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€950.38); illi l-konvenut kien interpellat diversi drabi biex ihallas dak li hu dovut, anki permezz ta' ittra ufficjali, izda huwa baqa' inadempjenti; ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi kkundannat jirrifondi lill-attur is-somma ta' disa mija u hamsin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€950.38), bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Jannar 2003.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi t-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kap. 16). Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-konvenut fir-rigward ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

**Ikkunsidra.**

Illi skond il-konvenut, it-talba attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kap. 16), liema artikolu tal-ligi jiddisponi hekk kif gej:-

*2156. 'L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:-*

*(f) L-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.'*

It-Tribunal jaqbel mas-sottomissjonijiet maghmula mid-difensur tal-konvenut fis-sens illi l-Artikolu tal-ligi li japplika f'dan il-kaz partikolari, u cioe f'kaz fejn persuna ghandha thallas lura stipendju li tkun irceviet peress li ma komplietx issegwi kors, huwa proprju l-Artikolu 2156(f), u mhux xi artikolu iehor tal-ligi.

Jirrizulta minn dak li gie dikjarat mill-attur stess, illi d-debitu in kwistjoni nholoq f'Gunju tas-sena 1996, u cioe meta l-konvenut irrizenja mill-kors li kien qieghed isegwi.

Ghalhekk il-perjodu ta’ preskrizzjoni jibda ghaddej proprju minn Gunju tal-1996. L-istess attur fl-Avviz minnu pprezentat iddikjara li giet ipprezentata ittra ufficjali kontra l-konvenut fid-29 ta’ Jannar tas-sena 2003. Alavolja kopja ta’ din l-ittra qatt ma giet ipprezentata mill-attur, it-Tribunal xorta wahda josserva li l-ittra giet ipprezentata iktar minn sitt snin wara li skatta l-perjodu preskrittiv, u ghalhekk tali ittra ma interrompietx il-perjodu preskrittiv kif titlob il-ligi. Oltre dan, mbaghad, regghu ghaddew aktar minn hames snin bejn meta giet ipprezentata l-ittra ufficjali msemmija mill-attur, u d-data meta giet ipprezentata l-kawza odjerna, u cioe fit-30 ta’ Ottubru 2008, u ghalhekk rega ghadda perjodu preskrittiv iehor ta’ hames snin kontra l-attur.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, u konsegwentement jichad it-talba attrici, bl-ispejjes kollha kontra l-attur.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------